MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 20/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Massimo Caruso**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Massimo Caruso (u persuna ohra) talli f'dawn il-Gzejjer nhar-id 19 ta' Ottubru 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Gewwa l-Gudja f'xi hin wara nofs inhar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda inqas minn Lm1000, mill-fond 'Nid D'Amour', Triq Hal-Resqun, Gudja ghad-dannu ta'

John Agius, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur;

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara f'tieqa tal-aluminium ta' l-imsemmija residenza, liema hsara teccedi Lm10 izda ma teccedix il-Lm50 ghad-dannu ta' l-imsemmi John Agius;

3) Nhar id-19 ta' Ottubru 2004, ghall-habta ta' l-4.00 p.m. ta' wara nofs inhar, waqt li kien f'Hal-Ghaxaq, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq mill-fond 'Caron Garden', Triq Joseph Gravina, Hal-Ghaxaq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit, kien ikun ikkwalifikat fil-valur li jiskorri l-elf liri Maltin, bil-lok u bil-mezz ghad-detriment ta' Jonathan Camilleri minn Hal-Ghaxaq;

4) Sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5) Kiser il-provvediment ta' sentenza ta' prigunerija ghal sentejn sospiza ghal erba' snin moghtija lilu fid-9 ta' Jannar, 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Dr. C. Scerri Herrera, LL.D.);

6) Kiser ordni ta' probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr. L. Quintano, LL.D.) datata 11 ta' Novembru 2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Massimo Caruso hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal erba' snin prigunerija u ordnat li ssir operattiva s-sentenza sospiza moghtija fid-9 ta' Jannar 2002;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Massimo Caruso pprezentat fil-31 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu talab li

din il-Qorti, a) tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fid-19 ta’ Jannar 2006 u b’hekk tilliberah minn kull htija w imputazzjoni jew, minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba b) tirriforma s-sentenza riferita billi tikkonfermaha fejn in forza tal-istess huwa nstab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tirrevokaha fejn permezz ta’ l-istess huwa gie kkundannat erba’ snin prigunerija b’dan li giet ordnata l-migja fis-sehh ta’ sentenza sospiza moghtija fid-9 ta’ Frar 2002 a tenur tal-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u minflok timponi piena aktar idoneja ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli, aggravju li jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-**

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u sejra tikkunsidra dawn il-provi fl-ordni li l-appellant jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fir-rikors ta' appell.

Dwar l-akkuza ta' tentattiv ta' serq l-appellant jghid illi l-ewwel element li kellu jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni kien l-*animus furandi* da parti tal-persuna li dahlet fil-fond in kwistjoni, ghax min dahal seta' kellu diversi intenzjonijiet, fosthom is-serq; effettivament min dahal kellu ktieb u lapes f'idejh. Fil-kamp penali l-anqas element li jiswa hija l-kongettura. Il-prosekuzzjoni pprezumiet li l-intenzjoni kienet dik tas-serq u l-ewwel Qorti accettat dan minghajr ebda prova. Jghid ukoll illi l-prosekuzzjoni lanqas ma rnexxielha tipprova fil-grad li trid il-ligi li kien hu li dahal fl-imsemmi fond. L-appellant ikompli jghid illi mill-istqarrijiet tieghu u tal-ko-imputat Joseph Attard jirrizulta li kien Attard li kien talbu jwasslu Hal-Ghaxaq biex izur lil huh fil-garaxx tieghu u li kien Attard li hareg mill-karrozza filwaqt illi l-appellant baqa' jistennieh. Hawn huwa jsemmi l-principju illi stqarrija tiswa esklussivament fil-konfront ta' min jaghmilha u la tista' tiggova u lanqas tippregudika lill-ko-imputat l-iehor. Ghalhekk ma tezisti ebda prova illi l-appellant (jew anke Attard) ipprova jisraq lill-familja Camilleri. M'hemm l-ebda prova forensika. L-ewwel Qorti jidher li strahet biss fuq ix-xiehda tal-familja Camilleri liema xiehda kellha tbieghed is-suspett. Hekk, skond dak li qalet Maria Carmela Camilleri, il-persuna li dahlet fil-fond kellu xaghar "punk" mentri l-appellant m'ghandux u qatt ma kellu dan l-istil, u l-persuna li kienet qed tistenna fil-karrozza kellu l-imsielet mentri l-appellant ma juzax imsielet kif jirrizulta mir-ritratt esebit mill-prosekuzzjoni stess. Dan l-appellant jissottometti li qed jghidu "tanto per" peress illi l-process ta' identifikazzjoni – li l-appellant

---

**Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

tqiegħed waħdu f'kamra u l-membri tal-familja Camilleri ħarsu lejh minn toqba fil-ħajt – ma sarx skond il-modalitajiet u kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza in materja. Għalhekk l-appellant kellu jiġi liberat minn din l-akkuża.

Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawża **Il-Pulizija v. Stephen Zammit** deċiża fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li "l-liġi tagħna hi partikolarment skarsa dwar regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkużat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-liġi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodiċi Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tgħid **x'mhux meħtieġ** u mhux **x'inhu meħtieġ"**. Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:

**"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja".**

Dik l-istess Qorti eżaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti għall-każ odjern se jiġi kkwotat *in extenso*. Hija fil-fatt qalet:

**"Minn din id-dispożizzjoni jidher ċar li l-leġislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawża b'regoli riġidi ta' kif għandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oġġett, iżda ħalla fil-ġudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruħha skond il-każ. Din id-dispożizzjoni, naturalment, tapplika għal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bħal, per eżempju, fl-għassa tal-pulizija, u li għalhekk tkun <u>ipprecediet</u> l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-liġi tagħna ma tgħid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li għandhom jiġu osservati, speċjalment f'dawk li jissejħu *identification parades*; dawn ir-regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża bl-iskop li l-**

**identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984*. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, *'only one witness shall be shown photographs at any one time'* (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u *'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help'* (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:**

***'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who <u>so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'</u>* (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);**

**Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-**

***Supreme Court of the Australian Capital Territory*** **fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:**

***'… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';***

**Fi kliem iehor huwa biss <u>f'certu kazijiet</u> li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta'** ***identification evidence*****. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:**

***'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should***

***warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***

***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …***

***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.***

***All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger’*** **(ara *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, pagna 1991; *Archbold*, 1997, pagni 1255-1256)”.**

Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar** moghtija fit-22 ta’ Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), “skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta’ l-akkuzat mhux necessarja *identification parade*”. Hija qalet:

**“Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (sede inferjuri) *per* W. Harding fil-kawza ‘Il-Pulizija vs *Leading Steward* Victor Dalmas’ deciza fit-13 ta’ Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: ‘Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b’xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f’certi kazijiet, fis-sens li f’identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, *piu` o meno* ta’ l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista’ jiehu post fejn irid fosthom’;**

**M’hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in R. vs Parks* ((1961) I.W.L.R. 1484) *‘cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice’* u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha *in re* Il-Maesta` Taghha r-Regina vs Joseph Hallet moghtija fit-22 ta’ Marzu 1971 fejn inghad li ‘certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista’, in generali, tkun esposta l-prova ta’ l-identifikazzjoni ta’ persuna’. Din il-Qorti f’dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li ‘il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta’ delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista’ jigi evitat - basta s’intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati *miscarriages of justice*’”.**

Fil-kaz in dizamina l-appellant jippretendi li l-prova ta’ identifikazzjoni ghandha tigi skartata kompletament. Hawn ma jirrizultax li saret *identification parade* u l-process li ntuza kien billi l-appellant iddahhal go kamra u l-persuni li kienu rrapportaw dak li kien gara ttawlu minn go toqba

tas-serratura. Fid-dawl tal-brani suriferiti pero`, dan ma jfissirx li l-metodu uzat jista' jigi dikjarat bhala "illegali" stante li m'hemm l-ebda ligi li tirregola din il-procedura. Ifisser biss li l-procedura li ntuzat tinficja fuq l-attendibilita` ta' din il-prova mehuda wahedha[2].

Issa, tajjeb li jinghad illi f'dan il-kaz ma setax ikun hemm wisq diffikulta` sabiex jigi identifikat l-appellant u dan kemm peress illi mix-xiehda moghtija minn Jonathan Camilleri u Maria Carmela Camilleri jirrizulta illi dawn kellhom hin bizzejjed biex jistudjaw il-wicc tal-bniedem li mar ihabbat fuq il-bieb taghhom u li eventwalment qabez ghal gol-gardina taghhom kif ukoll peress illi ssejhu l-ghassa sabiex jaghmlu l-identifikazzjoni ftit hin biss wara li gara l-kaz – Jonathan Camilleri jghid madwar saghtejn jew saghtejn u nofs wara. Apparti dan pero` qed issir referenza ghal dak li xehdet Maria Carmela Camilleri, cioe` li l-Pulizija l-ewwel urewha bniedem li qalet li ma kienx dak li kien dahal fil-gnien izda li kien dak li kien riekeb fil-karozza u li sahansitra kien ghadu liebes l-istess hwejjeg, imbaghad meta urewha lill-appellant identifikatu pozittivament bhala l-bniedem li kien mar ihabbat fuq il-bieb. Issa, huwa minnu illi dawn iz-zewg xhieda qalu wkoll illi l-bniedem li mar ihabbat kellu misluta tad-deheb, xaghru kien mod iehor u kien liebes hwejjeg differenti u filwaqt illi meta mar ihabbat kien nadif meta rawh l-ghassa kien mimli trab. B'danakollu xorta nsistew li kienu qeghdin jaghrfuh minn wiccu u baqghu hekk jinsistu meta xehdu quddiem l-ewwel Qorti. Barra minn hekk, pero`, hemm provi ohra li wkoll isahhu l-identifikazzjoni li ghamlu l-imsemmijin zewg xhieda.

Jonathan Camilleri u Maria Carmela Camilleri nnutaw il-karozza li ntuzat mill-persuni li taghhom ghamlu l-identifikazzjoni, u cioe` Peugeot 106 li n-numru tar-registrazzjoni kien jibda bl-ittri KAC u li kienet ta' kulur blu fl-ahdar (skond Jonathan Camilleri) jew blu (skond Maria Carmela Camilleri). Maria Carmela Camilleri tghid ukoll illi din il-karozza "kellha faxx, tkaxkira" u li l-ghada kienet iz-Zejtun u rat din il-karozza, gharfitha, u nfurmat lill-Pulizija

[2] Ara Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mark Pace**, 7 ta' Novembru 2002.

b'dan. Fl-istess jum li l-familja Camilleri rrapportat l-incident l-ghassa taz-Zejtun (ghall-habta ta' l-4.00 p.m.), dahal rapport iehor ghall-habta ta' 17.45 minn certu Joe Saliba li joqghod il-Gudja li ftit tal-hin qabel kien dahal ragel fid-drive-in tad-dar tieghu jghajjat jekk kienx hemm xi perit u t-tfal tieghu li kienu qed jistudjaw qalu lil dan ir-ragel li ma kienx hemm perit u dak ir-ragel telaq b'karozza Peugeot 106 KAC-943 li fiha kien hemm persuna ohra. Ghalkemm l-imsemmi Joe Saliba ma xehedx f'dawn il-proceduri, qed jinghataw dawn id-dettalji biex jintwera x'wassal ghas-suspett tal-Pulizija fl-appellant. Barra minn hekk fir-rikors ta' appell, l-appellant stess jghid illi fil-hin li kienet qed issir is-serqa mir-residenza "Nid D'Amour, fi Triq Hal-Resqun, Gudja, hu u Attard "kienu qeghdin jistaqsu ghal perit hdejn ir-residenza ta' Joe Saliba." Difatti lill-Pulizija rrizultalhom li l-karozza msemmija kienet registrata f'isem certu Saviour Saliba, missier il-mara ta' l-appellant. Saviour Saliba xehed illi l-karozza indikata tintuza mill-appellant u li hi ta' kulur blu bl-ahdar. Gew esebiti ritratti tal-karozza (a fol. 199) u minnhom jirrizulta illi din il-karozza ghandha faxx fil-genb in-naha ta' isfel kif iddeskriviet Maria Carmela Camilleri. L-appellant jammetti li dik il-karozza kien isuqha hu. Jammetti wkoll li dakinhar kien mar Hal-Ghaxaq flimkien ma' Joseph Attard (ghalkemm jghid li mar hemm ghaliex Joseph Attard ried imur ifittex lil huh).

Punt iehor li jrid jisssemma u li hu ta' certa importanza huwa li l-familja Camilleri stqarrew illi meta mar il-bniedem imsemmi jhabbat fuq il-bieb taghhom, dan kellu ktieb u biro f'idejh u habbat bis-sahha ghal diversi drabi. Huma ma fethux ghax setghu josservawh minn gewwa u billi ma kinux jafu min hu, ma ridux jifthulu peress illi kienu serquhom xi erbatax-il sena qabel u allura lil min ma jafuhx ma jifthulux. Mill-karozza ta' l-appellant fil-fatt gie elevat diary tieghu. M'hemm l-ebda dubju illi l-iskop ta' min mar ihabbat fuq il-bieb tar-residenza tal-familja Camilleri kien sabiex jara jekk hemmx xi hadd id-dar, li l-ktieb u biro f'idejh kienu biss parti mill-messa in xena jekk kemm-il darba xi hadd iwiegeb u jkun jista' jsaqsi ghal xi hadd li ma joqghodx hemm (forsi "perit", jew "biex isewwi xi video"). F'dan il-kaz, billi hadd ma wiegeb, haseb li ma

kien hemm hadd u ddecieda li seta’ jwettaq il-hsieb kriminuz tieghu.

Mill-provi prodotti din il-Qorti hija sodisfatta illi l-bniedem li mar ihabbat fuq il-bieb tar-residenza tal-familja Camilleri kien proprju l-appellant Massimo Caruso u li kien proprju hu li aktar tard irritorna biex jiskala l-kancell u spicca fil-bitha fejn gie proprju wicc imb’wicc Jonathan Camilleri li kien qieghed gewwa d-dar jistudja. L-appellant isostni illi ma giex ippruvat l-*animus furandi*. Din il-Qorti ma taqbilx. Sensar ma jiskalax tlettax-il filata biex jara dar izda jistenna li s-sidien ikunu hemm. Min irid jistupra lil xi hadd ma jidholx f’dar li haseb li hija vojta. L-agir kollu ta’ l-appellant dakinhar kien jindika minghajr ombra ta’ dubju x’kienu l-intenzjonijiet tieghu. Tant hu hekk li meta gie arrestat aktar tard mill-Pulizija, u kif ser naraw, fil-karozza tieghu sahansitra nstabet ir-refurtiva derivanti minn serq li sehh minn dar fil-Gudja ftit hin wara.

Konsegwentement l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment issib lill-appellant hati ta’ l-akkuza ta’ tentattiv ta’ serq u b’hekk l-ilment ta’ l-appellant f’dar-rigward huwa respint.

Dwar l-akkuza ta’ serq mid-dar tal-familja Agius fil-Gudja, l-appellant jghid illi ma rrizultawx provi konkreti li jistabilixxu konklussivament li s-serq sar proprju fid-19 ta’ Ottubru 2004. Il-fatt li l-konjugi Agius sabu kexxun miftuh u pizz tal-blind ma’ l-art ma jippruvax li s-serq sar f’dik id-data u l-oggetti setghu ntmessew mit-tfal tal-konjugi Agius jew minnhom stess li nsew l-akkadut. Il-fatt li sabu tghawwig fil-pum tat-tieqa u fil-parti ta’ l-gheluq ma jippruvawx li s-serq sar f’dik id-data. Anke s-sejbien tal-grada fil-gardina miftuha u ta’ kaxxi fejn kien id-deheb f’proprjeta` adjacenti ma jippruvawx li s-serqa saret f’dik id-data. Ghalhekk kellu jigi liberat minn din l-imputazzjoni. L-appellant jirreferi wkoll ghall-fattur tal-hin u jghid illi fil-hin li seta’ sar is-serq mir-residenza tal-familja Agius, huma kienu hdejn ir-residenza ta’ Joe Saliba jistaqsu ghal perit. Jghid illi mir-rapport ta’ l-espert jirrizulta li t-tieqa nfethet b’leva u fil-karrozza tieghu ma nstabet ebda leva. Inoltre ma jaghmilx sens illi l-appellant imur l-ghassa bir-

refurtiva mohbija fil-karrozza tieghu. Fl-istqarrija tieghu l-appellant cahad l-involviment tieghu u dak li qal Attard ma jistax jippregudikah. It-tezi ta' l-appellant hi fis-sens li ghalkemm huwa kien jaf li Attard kellu d-deheb fil-pussess tieghu, dan id-deheb ma kienx tieghu u fil-kors tal-vjagg lejn l-ghassa waqaf ghal xi hames minuti f'liema intervall Attard heba d-deheb fil-parti interna tas-seat ta' wara tal-karrozza. Dan ma jippruvax li serqu l-appellant. Jista' semmai jindika r-ricettazzjoni izda lanqas dwar dan ma hemm prova u fi kwalunkwe kaz ma giex akkuzat b'ricettazzjoni.

Din il-Qorti ezaminat il-provi bir-reqqa u tosserva l-ewwelnett illi, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant, hemm provi sufficjenti li juru li s-serq mid-dar "Nid D'Amour", Triq Hal-Resqun, Gudja sar proprju fid-19 ta' Ottubru 2004 ghax kien dakinhar li l-familja Agius sabet tieqa sgassata, ghalkemm kien l-ghada li ndunaw b'dak li kien insteraq. F'dar-rigward qed issir referenza ghax-xiehda li taw John Agius u Jane Agius. Dwar il-hin li fih twettaq is-serq – xi hin bejn il-5.10 p.m. u s-6.30 p.m. – l-appellant jghid illi fil-hin li seta' sar is-serq, hu flimkien ma' Attard kienu qeghdin jistaqsu ghal perit hdejn ir-residenza ta' Joe Saliba. Jigifieri l-appellant jammetti li f'dak il-hinijiet kien jinsab il-Gudja. Il-Gudja mhux xi rahal kbir hafna u minn ezami tal-pjanta tal-lokal jirrizulta li Triq l-Ghelejjel mhix wisq distanti minn Triq Hal-Resqun. Barra minn hekk biex issaqsi ghal perit ma tridx wisq hin. Zgur kien hemm bizzejjed hin biex f'temp ta' madwar siegha u possibilment ftit aktar isehhu z-zewg incidenti. Wara kollox meta xi hadd jidhol jisraq, fattur ewlieni ghall-halliel huwa l-heffa li biha jkun irid iwettaq tali serq. L-appellant jghid ukoll illi skond ir-rapport ta' Dott. David Farrugia Sacco t-tieqa giet illevata u fil-karozza tieghu ma nstabet ebda leva. Bicca ghodda li ta' sikwit tintuza biex isir sgass hija tornavit. U mill-karozza ta' Massimo Caruso gew elevati zewg tornaviti! L-appellant jghid illi kien jaf li Joseph Attard kellu d-deheb fil-pussess tieghu izda li hu ma kellux x'jaqsam mieghu. X'wassal allura biex meta nstab id-deheb fil-karozza tieghu, ta verzjonijiet konfliggenti? P.S. 1429 Eric Mangion xehed li "meta saqsejna lil Caruso, ghaliex il-karozza hi tieghu, dan l-ewwel qal li tal-mara tieghu u

x'hin ghidtlu l-mara x'jisimha, ghax kien hemm pendent tad-deheb bl-isem 'Donnah' fil-kaxxa, hu qal li mhux tal-mara imma tieghu u kien ilu ghandu. X'hin ergajna staqsejnieh minn fejn gabu imbaghad qal li ta' Attard." Fl-istqarrija tieghu qal li d-deheb kien ta' Joseph Attard u li kien ser iwasslu, fuq talba ta' Attard, biex ikun jista' jbieghu. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li Joseph Attard kien cempillu u talbu biex iwasslu l-ghassa taz-Zejtun halli jmur jiffirma u meta ltaqa' mieghu Attard talbu biex l-ewwel iwasslu Hal-Ghaxaq biex jara jsibx lil huh. Imkien fix-xiehda tieghu ma jghid illi marru l-Gudja jistaqsu ghal perit. Mistoqsi meta kien qieghed jixhed dwar il-hin li ltaqa' ma' Joseph Attard jghid illi ma kienx cert dwar il-hin imma qal li kien "wara nofsinhar qisu t-tlieta u nofs, l-erbgha, xi haga hekk". Dan naturalment ifisser illi hu u Joseph Attard kienu flimkien fil-hin li twettaq is-serq mill-Gudja u mhuwiex minnu li d-deheb kien diga` fil-pussess ta' Attard meta ltaqa' ma' l-appellant.

Tajjeb hawn li ssir referenza ghat-teorija Ingliza *of unlawful possession of recently stolen goods*. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et**, 26 ta' Awissu 1998), it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *law of evidence* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F'dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice** (1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it*

*adopted the following passage from* ***<u>Cross on Evidence</u>****, 5th ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): 'if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief <u>or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen</u>….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts …. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* [3]

Fil-kaz in ezami l-oggetti tad-deheb kienu ghadhom kemm insterqu proprju ftit tal-hin qabel ma nstabu fil-karozza ta' l-appellant u ghalhekk l-appellant kien mistenni li jaghti *a credible explanation* kif gew fil-pussess tieghu u li hu ma setax ikun jaf li kienu misruqa bl-uzu ta' hsieb u attenzjoni normali. Izda dan m'ghamlux, anzi ta verzjonijiet konfliggenti li b'hekk ixejnu ghal kollox il-kredibilita` tieghu. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi legalment u ragjonevolment li l-appellant kien hati tar-reati ta' serq u hsara volontarja skond l-ewwel u t-tieni akkuzi,

[3] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Richard Spiteri**, 31 ta' Awissu 2006 u **Il-Pulizija v. Antoine Cassar, 16 ta' Novembru 2006.**

u dan bhala ko-awtur. Hemm indikazzjoni li kien l-appellant li dahal fir-residenza tal-familja Agius minn fatt li gie osservat mill-membri tal-familja Camilleri li ssejhu l-ghassa sabiex jaghmlu l-identifikazzjoni – li l-appellant kien kollu trab mentri meta kien mar id-dar taghhom kien nadif, filwaqt illi Joseph Attard kien nadif. Mhuwiex inverosimili li persuna tispicca mimlija trab jek tkun skalat mhux biss f'post wiehed izda addirittura f'zewg postijiet biex twettaq serq. Izda anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument ma kienx l-appellant li dahal fil-post tal-Gudja, xorta ghandu jitqies bhala ko-awtur. Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti (sede superjuri) **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech** moghtija fl-24 ta' Settembru 2004 fejn l-appellant Martin Dimech kien ix-xufier tal-van li bih waslu fuq il-post tas-serq il-hallelin li dahlu fil-bank u qaghad jistennihom hergin:

**"Dwar jekk l-appellant ghandux jitqies bhala ko-awtur jew bhala komplici, m'hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa ko-awtur fir-reat hawn in kwistjoni, *"ghax il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat"* (Appell Kriminali <u>Il-Pulizija v. Nazzareno Briffa et</u>, 3 ta' Frar 1984 - Vol. LXVIII.v.309; ara wkoll Appell Kriminali <u>Il-Pulizija v. Salvu Muscat</u>, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484). Il-fatt li l-appellant ma harrabx lil min kien dahal jisraq mill-bank ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tieghu. Huwa telaq minn fuq il-post ghax tfaccat il-Pulizija. Sadattant ir-reati in kwistjoni kienu gew kommessi."**

Ghaldaqstant anke l-ilment ta' l-appellant relatati ma' l-ewwel zewg akkuzi huwa respint.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena nflitta li jqis bhala eccessiva. Jghid illi wasal biex jikkonkludi programm ra' rijabilitazzjoni mit-tossikodipendenza f'San Blas. Huwa mizzewweg u ghandu zewgt itfal ta' eta` tenera. Ghandu sengha konnessa ma' l-industrija ta' l-irham. Is-socjeta` ma takkwista xejn jekk huwa jintbaghat il-habs. Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti ghandha effett

retributtiv biss. Martu hija nurse u tista' tkun indispensabbli biex tghinu jinserixxi ruhu fis-socjeta`.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Il-piena applikabbli f'dan il-kaz dwar l-ewwel akkuza hi dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad ghal seba' xhur sa erba' snin u li ma tinghatax fil-*minimum* taghha. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, il-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn (disa' xhur sa hames snin jekk bi grad u tlettax-il xahar sa sitt snin jekk b'zewg gradi). Kwantu ghall-akkuza ta' recidiva, l-appellant ma setax jinstab hati li sar recidiv peress illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar 2002 l-appellant kien gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Zieda fil-piena skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali tista' tigi applikata jekk jigi kommess reat iehor matul il-perijodi stipulati fl-imsemmi artikolu, liema perijodi jibdew jiddekorru minn dak in-nhar li persuna tkun skontat il-piena jew dak in-nhar li tkun giet mahfura l-piena. Fil-kaz tas-sentenza sospiza msemmija, il-piena tkun meqjusa li giet skontata meta jkun iddekorra l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza. Billi r-reati li dwarhom l-appellant instab hati f'dawn il-proceduri sehhew fid-19 ta' Ottubru 2004, u ghalhekk <u>qabel</u> it-tmiem tal-perijodu operattiv, l-appellant ma setax jitqies recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma tistax tizdied il-piena bi grad skond dak l-artikolu. Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti dan ma qisitux. Anzi sabitu hati hekk kif kien akkuzat bl-applikazzjoni wkoll ta' l-imsemmi artikolu.

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

L-appellant instab hati wkoll illi kiser il-provvedimenti ta' ordni ta' probation moghti lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2003. Permezz ta' dik is-sentenza l-appellant kien instab hati ta' pussess semplici tad-droga eroina. Il-piena applikabbli ghal dak ir-reat hija l-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tliet xhur izda mhux izjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn 465.87 euro (ekwivalenti ghal Lm200) izda mhux izjed minn 2,329.37 euro (ekwivalenti ghal Lm1,000) jew dik il-prigunerija u multa flimkien.

Minn dan kollu huwa evidenti li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti xorta taqa' fil-parametri tal-ligi. Izda mis-sentenza appellata jirrizulta illi l-ko-akkuzat Joseph Attard li ukoll instab hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, inkluz dik li sar recidiv, ukoll gie kkundannat erba' snin prigunerija. Minn ezami tas-sentenzi esebiti bhala prova li Joseph Attard sar recidiv jirrizultaw tliet kazijiet fejn gie kkundannat ghall-piena ta' prigunerija u kaz iehor fejn gie kkundannat ghall-hlas ta' multa. Ghalhekk huwa evidenti illi l-ewwel Qorti dehrilha li kellha zzid il-piena ta' l-akkuzati bi grad minhabba l-akkuza ta' recidiva. Billi fil-kaz ta' l-appellant Caruso, kif inghad, l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma kienx applikabbli, ghandu jsir temperament fil-piena.

Issa, l-ewwel Qorti ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta' prigunerija li nghatat bis-sentenza precitata tad-9 ta' Jannar 2002. L-appellant ghandu problema ta' abbuz tad-droga izda sfortunatament, mir-rapport imhejji mis-*senior probation officer* Mariella Camilleri jirrizulta illi l-appellant naqas milli jtemm il-programm ta' rijabilitazzjoni li kien qieghed isegwi mal-Caritas billi wera nuqqas ta' kooperazzjoni u wara rega' abbuza mid-droga. Barra minn hekk zamm lura informazzjoni importanti kemm fil-konfront ta' l-ufficjal tal-probation kif ukoll fil-konfront tal-Caritas u ghalhekk ma qisitx illi ordni ta' servizz fil-komunita` seta' jkun effettiv fil-konfront ta' l-appellant kif l-anqas ta' beneficcju ghas-socjeta`. L-appellant irid jitghallem li hawn nies fis-socjeta` li huma lesti li jghinuh izda biex jaghmlu dan irid ikun hu l-ewwelnett illi jkun

motivat sabiex ibiddel hajtu u jafda lil dawn in-nies u jsegwi l-pariri taghhom. Din il-Qorti tittama illi waqt illi l-appellant ikun qieghed iservi s-sentenza tieghu, jipprevalixxi ruhu mill-opportunitajiet ezistenti sabiex isegwi bir-reqqa programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga u jtemm tali programm. Biex dan isehh u peress illi temmen illi l-appellant ghandu bzonn ta' deterrent ulterjuri anke meta jkun skonta l-piena dwar ir-reati odjerni, din il-Qorti sejra testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza msemmija[5].

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat l-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin u in kwantu ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Jannar 2002 u minflok, filwaqt illi mill-gdid tiddikjara li l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli ghall-appellant, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin filwaqt illi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tibdel l-ordni originali maghmul fis-sentenza msemmija bis-sahha ta' l-artikolu 28A(1) ta' l-istess Kap. 9 billi minflok il-perijodu hemm specifikat tordna li l-piena ta' sentejn prigunerija moghtija bis-sentenza precitata ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' snin millum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

---

[5] Il-Qorti tal-Magistrati kienet issospendiet il-bidu fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija imposta minnha wara li kienet qieset li l-imputat kien *a first-time offender*, l-ammissjoni bikrija tieghu, li kien ikkumpensa lill-vittmi tieghu ghad-danni sofferti minnhom, li kkoopera mal-prosekuzzjoni u awtorizza r-rilaxx ta' parti mir-refurtiva, u kkoopera anke waqt l-investigazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------